

Brussell, 29 ta' Settembru 2021
(OR. en)

12304/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)

AGRI 443
AGRILEG 207
AGRIFIN 114
AGRISTR 65
AGRIORG 107
CODEC 1268
CADREFIN 422

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	9645/18 + COR 1 + ADD 1
Suġġett:	Tħejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza dwar it-tħejjija mill-Istati Membri tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, inkluż mistoqsijiet ta' gwida għad-diskussjoni ministerjali fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2021.

Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza dwar it-tħejjija mill-Istati Membri tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat tliet proposti leġislattivi bl-għan li l-PAK tkun adattata għall-futur. Ir-riforma tal-PAK iffukat fuq il-bidla minn approç ibbażat fuq il-konformità għal wieħed ibbażat fuq il-prestazzjoni. Skont dan il-"mudell ta' implimentazzjoni ġdid", l-Istati Membri ser ikollhom aktar libertà biex jadattaw il-pagamenti diretti, l-interventi settorjali u l-interventi għall-iżvilupp rurali għall-ħtiġijiet tagħhom abbażi ta' ppjanar strateġiku, filwaqt li jkollhom jirrappurtaw dwar ir-riżultati miksuba. Il-PAK futura ser tinkludi arkitettura "ekoloġika" għida bbażata fuq kundizzjonijiet ambjentali u klimatiçi mtejba li jridu jiġu ssodisfati mill-bdiewa u miżuri volontarji addizzjonali.

Il-PAK il-għida ser tiġi organizzata permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri. Ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jistabbilixxi l-parametri ġenerali li jiggwidaw it-tħejjija, il-valutazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom. F'diversi okkażjonijiet il-Ministri saħqu li għandhom jintużaw biss atti legalment vinkolanti għall-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Dan il-prinçipju fl-aħħar ġie minqux fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, bħala parti mill-ftehim politiku li ntlaħaq matul in-negozjati interistituzzjonali, ikkonfermat mill-Ministri fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fit-28 u d-29 ta' Ġunju 2021 u finalment approvat mill-Kumitat Speçjali dwar l-Agrikoltura fit-23 ta' Lulju 2021 wara l-finalizzazzjoni tal-ħidma teknika¹. L-adozzjoni formali kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kunsill hija mistennija qabel tmiem din is-sena. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2022, l-Istati Membri jridu jippreżentaw l-abbozzi tal-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tagħhom għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

¹ Artikolu 106(2): "[...] L-approvazzjoni għandha tkun ibbażata esklużivament fuq atti li huma legalment vinkolanti fuq l-Istati Membri" (il-formulazzjoni kif tidher fil-ftehim politiku finali milħuq f'Lulju 2021 (dok. 11004/21 ADD 1 REV 2), soġġett għall-finalizzazzjoni tat-test legali mill-ġuristi lingwisti).

It-tnejjija tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tirrappreżenta sfida għall-Istati Membri u kienet ta' tħassib partikolari għall-Istati Membri sa mill-bidu nett. Dan il-proċess jikkonsisti f'numru ta' passi, li xi wħud minnhom jitwettqu b'mod parallel, u li spiss jeħtieġu li jsir riferiment għall-passi preċedenti tal-proċess u li ssir reviżjoni ta' abbozz ta' Pjan Strateġiku minħabba, fost oħrajn, data aġġornata, ftehimiet mal-partijiet ikkonċernati, il-kummenti (informali) tal-Kummissjoni u dawk mill-evalwazzjoni ex ante. Fl-istess ħin, il-finalizzazzjoni u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tar-riforma tal-PAK għadhom mistennija, u għalhekk din il-ħidma ssir aktar kumplessa, għalkemm is-"sustanza" tar-Regolamenti tista' titqies finalizzata minn Lulju 2021.

L-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mill-Kummissjoni għandha tiggarrantixxi li l-politika tiġi implimentata skont l-oġġettivi komuni u tikseb ir-riżultati mistennija, u tikkontribwixxi għall-impatti fil-livell tal-Unjoni b'mod ġust. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ser ikollha tivvaluta l-konsistenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK proposti mal-leġiżlazzjoni u l-impenji ambjentali u klimatiċi tal-UE u mal-miri tal-UE għall-2030 stipulati fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u dik għall-"Bijodiversità", kif ukoll il-kontribut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għal dawn.

F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni tat lil kull Stat Membru rakkomandazzjonijiet imfassla apposta dwar kif jistgħu jadattaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-iskop tagħhom. Dawn għandhom l-għan li jassistu lill-Istati Membri fl-abbozzar tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom billi jidentifikaw l-oqsma ewlenin li fuqhom għandu jiffoka kull Stat Membru.

Fil-bidu tal-perijodu ta' implimentazzjoni, qabel il-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ser ikollha tagħmel rapport ta' sinteżi dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri biex tivvaluta l-isforz konġunt u l-ambizzjoni kollettiva tal-Istati Membri biex jindirizzaw l-oġġettivi speċifiċi, b'kont meħud tal-miri tal-Unjoni għall-2030 stipulati fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u dik għall-"Bijodiversità".

It-trasparenza u l-inklużività huma karatteristiċi importanti tar-riforma tal-PAK. Kif inhu l-każ bħalissa fil-qafas tal-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali, l-Istati Membri huma meħtieġa jorganizzaw sħubija fil-proċess tat-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom sabiex jikkonsultaw mas-sħab rilevanti, bħall-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, is-sħab ekonomiċi u soċjali, inkluż ir-rappreżentanti tas-settur agrikolu, u korpi rilevanti oħra li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u jinvolvuhom b'mod effettiv u trasparenti. Din is-sħubija mhux biss ser tippermetti lill-Istati Membri jibnu fuq l-għarfien u l-għarfien espert disponibbli għat-tfassil tal-pjanijiet, iżda ser iżżid ukoll il-leġittimità tal-politika futura u tiffaċilita l-implimentazzjoni tagħha.

L-Istati Membri bħalissa qed iħejju l-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom, abbażi wkoll tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-Kummissjoni. Peress li ntlaħaq qbil politiku dwar il-pakkett ta' riforma tal-PAK u qed toqrob l-adozzjoni formali, ħafna Stati Membri għandhom ikunu fl-istadju tal-finalizzazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jkunu lesti li jippreżentawhom formalment mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2022, kif previst. Abbażi ta' feedback informali mill-maġġoranza tal-Istati Membri, jidher li kważi l-Istati Membri kollha ħejjew il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet u l-istrateġiji ta' intervent tagħhom, li qed jiġu rieżaminati u aġġornati. Passi oħra bħad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-interventi, l-iffissar ta' miri u stadji importanti għall-indikaturi tar-riżultati rilevanti għal kull intervent, kif ukoll l-istabbiliment ta' outputs annwali ppjanati u ammonti unitarji għal kull intervent, jinsabu għaddejjin fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Bl-istess mod, qed isiru l-evalwazzjonijiet ex ante u l-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi, fejn tlestew l-ewwel rapporti. Seħħew l-ewwel ċikli ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u konsultazzjonijiet ulterjuri jinsabu għaddejjin jew huma ppjanati li jsiru fix-xhur li ġejjin.

Fl-isfond deskritt hawn fuq, fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-11 u t-12 ta' Ottubru 2021 il-Ministri ser jiġu mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-progress li sar lejn il-preżentazzjoni u l-approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-mistoqsijiet li ġejjin:

1) X'inhom s-sitwazzjoni attwali fit-tfassil tal-abbozz tal-Pjan Strateġiku tagħkom? Qed tiffaċċaw xi diffikultajiet?

2) Sa liema livell taħsbu li l-proċess ta' valutazzjoni u approvazzjoni għandu jkun trasparenti, b'kont meħud tal-importanza tar-responsabbiltà lejn il-pubbliku ġenerali, l-oġettiv li jiġi żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri (filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà fit-tfassil tal-miżuri tal-PAK) u l-ħtieġa għal thejjiġa amministrattiva f'waqtha fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri?

3) X'inhuma l-kwistjonijiet ewlenin li ġew indikati mill-partijiet ikkonċernati matul il-konsultazzjonijiet? Hemm xi sfidi marbutin mal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-konsultazzjonijiet ma' korpi governattivi oħra, pereżempju daww inkarigati mill-politiki ambjentali u klimatiki?